MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Numru. 783/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**

**vs**

**Simon Baldacchino Barthet**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Simon Baldacchino Barthet ta' 19 sena iben Antoine Baldacchino u Carol nee' Barthet imwieled Pieta' fl-14 ta' Settembru 1981 u residenti Alexandra Flat 7, Triq il-Qalb Mqaddsa, San GIljan u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 511481 (M) li gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

F’ dawn il-Gzejjer, bejn April u Mejju 2000 u fix-xhur ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

a. B’ mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm 1275.50 liema ammont huwa iktar minn hames mitt lira, billi prezenta cekkijiet tal-Bank of Valletta lil Meli Bugeja Limited ghad-detriment tal-Bank of Valletta, Meli Bugeja Limited u persuni ohra, u dan bi ksur ta’ l-artikoli 308, 309 u 310 (1) tal-Kap . 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta’ Lulju 2001 (esebit a folio 17 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jinstemghu u jigu decizi bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-27 ta’ Lulju 2001 ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz tieghu jinstema’ bi procedura sommarja u jigi deciz min din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi f’dan il-kaz l-imputat jinsab akkuzat bi frodi jew truffa u qliegh b’qerq a tenur tal-Artikoli 308, 309 u 310 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma is-segwenti. Bejn Mejju u April tas-sena 2000 l-imputat bhala direttur ta’ Interior Supplies Limited kien xtara xi merkanzija minghand is-socjeta’ Meli Bugeja Limited u kien hallas permezz ta’ erba’ cekkijiet li jinsabu esebiti a folio 22 sa 25 tal-process izda meta s-socjeta’

Meli Bugeja Limited marret sabiex issarraf dawn ic-cekkijiet dawn gew *'refer to drawer'* u ma setghux jigu onorati ghaliex ma kienx hemm flus fil-kont tas-socjeta' Interior Supplies Limited. Is-socjeta' Meli Bugeja Limited ghalhekk ghamlet raport lil Pulizija u meta dawn tal-ahhar kellmu lill-imputat (ara stqarrija minnu rilaxxjata esebita a folio 15 u 16 tal-process) huwa kkonferma li kien hareg u ffirma ic-cekkijiet in kwistjoni meta xtara xi gibs minghand is-socjeta' Meli Bugeja Limited, ikkonferma wkoll li kien l-uniku firmatarju fuq ic-cekkijiet tas-socjeta' Interior Supplies Limited u kkonferma li l-kitba u l-firem fuq ic-cekkijiet in kwistjoni kienet tieghu. Meta gie mistoqsi x'kienet ir-raguni li dawn ic-cekkijiet ma ssarfux huwa rrisponda li ma kellux flus fil-kont ghaliex kellu xi klijenti tieghu li ma kienux hallsuh.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (ara deposizzjoni relattiva a folio 77 sa 80 tal-process) fejn qal li meta gara dan il-kaz huwa kien ilu jinnegozja mas-socjeta' Meli Bugeja Limited ghal madwar sitt xhur fejn huwa kien jixtri l-gibs minghandhom u mbaghad ibieghu lil terzi. Huwa qal li inizjalment kien ihallas permezz ta' sistema *cash on delivery* izda sussegwentement lahaq ftehim maghhom fis-sens illi kien jixtri xoghol *in bulk* u kien ihallas permezz ta' *post dated cheques* bi hmistax -il gurnata fis-sens li d-data fuq ic-*cheques* kienet tkun hmisitax-il gurnata wara li jkun sar il-bejgh u saret il-konsenja. L-imputat kompla jispjega li kellu klijent ta' nazzjonalita' Taljana li kien jixtri l-gibs minghandu li ma hallsux ghal konsenja partikolari u ghalhekk il-kumpanija Interior Supplies Limited sabet ruhha f'diffikultajiet finanzjarji u ma kienitx f'posizzjoni li thallas la lil Meli Bugeja Limited u l-anqas lil *suppliers* ohra taggha.

Id-Difiza qed tissottometti li l-imputat ma jistax jinstab hati tal-akkuzi migjuba fii-konfronti tieghu ghaliex ma kienx hemm il-messa in scena rikjesta mill-ligi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa jew frodi u dan stante li kien hemm arrangjament bejn l-imputat u s-socjeta' Meli Bugeja Limited fis-sens illi l-pagamenti ghall-merkanzija mixtrija kellhom isiru permezz ta' *post dated cheques*. Jekk wiehed jara ix-xhieda ta' Diego Attard (a fol. 19 u 20 tal-

process), li dak iz-zmien kien jahdem ma Meli Bugeja Limited u kien il-persuna li mieghu kien jinnegozja l-imputat, dan jghid li ma kien hemm ebda arrangjament mal-imputat sabiex huwa jhallas permezz ta' *post dated cheques* … ***"ahna m'ghamilna ebda ftehim mal-imputat qalilna isma jien ser naghmel cheques post dated'. Tlabt il- go ahead minghand id-direttur u qalli sa gimgha nistghu naccettaw u fil-fatt sar hekk".*** Meta xehed in kontro-ezami (a folio 81 u 82) dan Diego Attard qal li meta l-imputat beda jixtri *in bulk* talab sabiex ikun jista' jhallas permezz ta' *post dated cheques* u meta huwa kien talab awtorizzazzjoni lis-superjuri tieghu dawn kienu accettaw.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz huwa minnu li ma jistax jinghad li kien hemm il-messa in scena li jirrikjedi ir-reat kontemplat fl-Artikolu 308. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-**Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri)** f'sentenza tal-**31 ta' Lulju 1998** fil-kawza fl-ismijiet '**Pulizjia vs George Manicolo'** fejn gie stabbilit is-segwenti:-

*"Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhijiex bizzejjed is-semplici gibda, il-kliem menzjonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom , kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f' dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann ghalhekk ghandu jkun akkumpanjat b' artifizji kwazi teatrali u mhux sempliciment weghdiet, promessi u kliem semplici;"*

Fil-kaz odjern ma jistax jinghad li kien hemm l-artifizji jew messa in xena kontemplati fl-Artikolu 308 tal-Kap. 9 u ghalhekk l-imputat mhux qed jinstab hati tar-reat

kontemplat fl-Artikolu 308. Il-Qorti izda jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni irrizulta r-reat ta’ frodi innominata kontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kap. 9. Il-qerq bi qliegh effetwat mill-imputat kien jikkonsisti fil-fatt li meta huwa hareg il-*post dated cheques* u ha l-merkanzija huwa kien jaf ben tajjeb li dawn il-*post dated cheques* la setghu jigu onorati dakinhar li nhargu u l-anqas fid-data indikata fuq l-istess cekkijiet u dan ghaliex huwa ma kellux flus fil-kont u kien jaf li l-anqas fid-data li fihom ic-cekkijiet kellhom jigu onorati ma kien ser ikun hemm flus fil-kont ghaliex il-kumpanija kienet qed tirriskontra diffikultajiet finanzjarji. Huwa stess fil-fatt ikkonferma li l-kumpanija kellha diffikultajiet dwar hlasijiet mhux biss mas-socjeta’ Meli Bugeja Limited izda wkoll ma *suppliers* ohra li wkoll ghamlu rapport lil Pulzijia izda ma ttiehdux passi fil-konfronti tieghu ghaliex huwa wasal f’arrangjament maghhom dwar pagamenti rateali tal-ammont dovut.

Il-Qorti jidrilha li f’dan il-kaz jikkonkorru l-elementi kollha sabiex jissussisti r-reat kontemplat fl-Artikoli 309 u 310 (1)(a) tal-Kap. 9 u ghalhekk l-imputat qed jigi misjub hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkusnidrat il-fedina penali netta tal-imputat u l-eta’ tieghu meta huwa kkommetta r-reat li tieghu qed jinstab hati kif ukoll it-trapass esagerat ta’ zmien mid-data ta’ meta nbdew il-proceduri sakemm waslu biex jigu konkluzi u jidrilha li m’ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva u li jkun akar opportun li l-imputat jinghata l-ahhar opportunita’ sabiex jirriforma ruhu. Inoltre il-Qorti m’hijex ser tapplika dak li jiddisponi l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 stante li jidrilha li una volta l-imputat kien ammetta fl-istqarrrija minnu rilaxxjata li l-kitba u l-firem fuq ic-cekkijiet in kwistjoni kienu tieghu ma kienx hemm il-htiega li l-Prosekuzzjoni titlob il-hatra ta’ espert kaligrafu u ghalhekk l-imputat mhux ser jigi kkundannat ihallas l-ispejjes konnessi mal-hatra tal-espert kaligrafu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 309 u 310 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’

Malta tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ tlettax (13) il-xahar sospiza ghal perjodu ta’ sentejn (2) millum.

Tordna wkoll lill-imputat ai termini tal-Artikolu 28H (1) tal-Kap. 9 tal-LigIjiet ta’ Malta sabiex ihallas l-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ elf, mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1275.50) lis-socjeta’ Meli Bugeja Limited u dan sa zmien sitt (6) xhur millum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------